**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 350/2021 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**GM**

**vs**

**KB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GM, datat 9 ta' Awissu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet iżżewġu nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok GM 1 Anness).*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ, twieldu żewġ (2) ulied, u cioe KRB, f'X, u JB f'Y u għalhekk it-tnejn għadhom minorenni (Dok GM 2 u GM 3 Annessi).*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-Ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018), u dan bis-saħħa ta' Att pubbliku, ippubblikat minn Nutar Dottor Peter Fleri-Soler fl-istess jum. (Dok GM 4 Anness).*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li illum il-ġurnata qegħdin jgħixu ħajja totalment separati minn xulxin u ilhom jgħixu hekk separati sa minn meta sseparaw legalment.*

*5. Illi ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet, anzi l-istess partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment, u lanqas ma' hemm pendenzi ta' manteniment mill-komparenti raġel lill-ulied minuri suindikati.*

*6. Illi r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk huma sodisfatti, peress li jeżistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi, sabiex iż-żwieġ odjern jiġi maħlul.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

*1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar is-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002), u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u;*

*2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi żmien hemm akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi.*

*U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din l-Onorobbli Qorti jogħġobha tagħti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 1 ta' Frar 2022, illi taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jikkonferma l-fatti kontenuti fil-paragrafi 1 u 2 tar-rikors promotur;*

2. *Illi l-esponenti jikkonferma illi ma hemm l-ebda prospetti ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet liema partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin u li ilhom jghixu hekk separati minn meta sseparaw legalment fl-2018;*

3. *Illi l-esponenti jikkonferma inoltre li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet u li r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma ukoll sodisfatti;*

4. *Illi l-esponenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg, ossija d-divorzju, ikkontrattat bejn i l-partijiet nhar is-6 ta' Settembru 2002 u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u li r-Registratur tal-Qorti jigi ordnat javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-intimat datata 4 ta' Marzu 2022 u dik tal-attrici datata 8 ta' Marzu 2022 li permezz taghha ddikjaraw illi m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**GM xehdet** (vide affidavit Dok GMX1 fol 19) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-is-6 ta' Settembru 2002 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, it-tnejn minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet ilhom separati defacto sa mis-sena 2013 waqt li l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat l-1 ta' Marzu 2018 fl-atti tan- Nutar Dr. Peter Fleri Soler. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**KB xehed** (vide affidavit fol ) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Settembru 2002, liema zwieg jgib certifikat numru 1507/2002 (Vide Dok GM1, certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler nhar l-1 ta' Marzu 2018 (vide Dok. GM4 fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1507/2002 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bl taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**